MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 1227/2011

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D.,**
**bhala mandatarju specjali ta' THE PROCTER &**
**GAMBLE**
**COMPANY, socjeta' estera organizzata taht**
**il-ligijiet tal-Istat ta' Ohio fl-Istati Uniti**
**tal-Amerika u hemmhekk irregistrata**
**bin-numru 20677, b'indirizz ta' One**
**Procter & Gamble Plaza, Cincinnati, Ohio,**
**Stati Uniti tal-Amerika**

**vs**

**Dr. Cedric Mifsud u P.L. Noel Scerri**
**gew nominati kuraturi deputati sabiex**
**jirrapprezentaw lil AL KHAT AL AZRAQ SHIPPING,**
**entita' estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' *BENGHAZI,***
***LIBYA***
**b'digriet tat-3 ta Frar 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-14 ta' Dicembru 2011 li jghid hekk:
1. Illi s-socjeta' attrici, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f'Malta, *inter alia* in konnessjoni ma' prodotti ghall-kura tax-xaghar tal-marka "PANTENE PRO-V", prodotti ghall-kura u l-indafa tas-snien bil-marka "CREST", prodotti ghall-kura u l-indafa tal-wicc u tal-ghonq tal-marka "OLAY", kif ukoll *deodorants* varji bil-marka "Procter & Gamble", hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* registrati li jkopru dan in-negozju taghha. B'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi in konnessjoni mat-*trademarks* relattivi taghha *inter alia* dwar dawn il-prodotti;

2. Illi fost ohrajn, is-socjeta' attrici ghandha rregistrati bhala *Trademarks* Komunitarji (CTM) it-*trademarks* "PRO-V" [kelma, numru 000273292, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju elfejn u erbgha (2004)], "PANTENE" [kelma, numru 000273342, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju elfejn u erbgha (2004)], "PANTENE" [kelma, numru 000272971, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju elfejn u erbgha (2004)], "PANTENE PRO-V" [kelma, numru 000058719, b'effett mill-ewwel (1) ta' Mejju elfejn u erbgha (2004)], "PANTENE PROV-V" [figurattiva, numru 004885646, b'effett mis-sebgha (7) ta' Frar elfejn u sitta (2006)], "PANTENE PROV-V" [figurattiva, numru 004833364, b'effett mit-tlettax (13) ta' Jannar elfejn u sitta (2006)], "PANTENE PRO-V" [figurattiva, numru 005314976, b'effett mill-erbatax (14) ta' Settembru elfejn u sitta (2006)], "PROCTER & GAMBLE" [kelma, numru 000300137, b'effett mill-ewwel (1) ta' Mejju elfejn u erbgha (2004)], kif ukoll it-*trademark* irregistrat f'Malta "PANTENE" [kelma, numru 8457, irregistrata b'effett mill-hdax (11) ta' Novembru elf disgha mija hamsa u sittin (1965)], dawn f'kull kaz *inter alia* dwar prodotti ghall-kura tax-xaghar;

3. Illi fost ohrajn ukoll, is-socejta' attrici ghandha validament irregistrati bhala *trademarks* Komunitarji (CTM) it-*trademarks* "CREST" [kelma, numru 000273201, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju elfejn u erbgha (2004)], CREST [kelma, numru 001843630, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju elfejn u erbgha (2004)], u "Crest" [figurattiva, numru 004772075, b'effett f'Malta mit-tmienja (8) ta' Dicembru elfejn u hamsa (2005)], u dawn *inter alia* dwar prodotti ghall-kura u l-indafa tas-snien. Inoltre, is-socjeta attrici ghandha validament irregistrat f'Malta b'effett mis-sebgha (7) ta' Marzu elf disa mija sitta u hamsin (1956) it-*trademark* bin-numru ta' registrazzjoni 5837 – CREST (kelma), u dan dwar *dentifrices*;

4. Illi fost ohrajn ukoll, is-socjeta' attrici ghandha validament irregistrati bhala *trademarks* Komunitarji (CTM) it-*trademarks* "OLAY" (kelma, numru 000273375 b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju elfejn u erbgha (2004)), "OLAY u wicc partikolari ta' mara" (figurattiva, numru 004724233 b'effett mis-sittax (16) ta' Novembru elfejn u hamsa (2005)), "OLAY" (figurattiva, numru 004724159 b'effett mis-sittax (16) ta' Novembru elfejn u hamsa (2005)), u wicc ta' mara (figurattiva, numru 004723979 b'effett mis-sittax (16) ta' Novembru elfejn u hamsa (2005)), u dan f'kull kaz *inter alia* dwar prodotti f'kategorija li fihom jaqghu prodotti ta' kura u ndafa tal-wicc u tal-ghonq. Inoltre, is-socjeta' attrici ghandha validament irregistrat f'Malta t-*trademark* bin-numru ta' registrazzjoni 30103 "OIL OF OLAY" (kelma, b'effett mill-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju elf disa' mija disgha u disghin (1999), u dan *inter alia* dwar prodotti dwar kura u ndafa tal-wicc u tal-ghonq;

5. Illi fost ohrajn ukoll, is-socjeta' attrici ghandha validament irregistrat bhala *Trademark* Komunitarju (CTM) il-markju "PROCTER & GAMBLE" (kelma, numru 000300137, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju elfejn u erbgha (2004), u dan *inter alia* dwar *deodorants* u materjal tal-kartun;

6. Illi s-socjeta' attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kollha tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) [Kapitolu erbgha mija w erbatax (414) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta], biex b'hekk tgawdi mill-protezzjoni derivanti mill-artikoli erbgha (4), tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu (a), u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess kapitolu erba' mija w erbatax (414), b'disposizzjonijiet rilevanti kontenuti f'dawk l-artikoli ta' ligi li japplikaw ghal dan il-kaz fost ohrajn;

7. Illi recentement, waqt skrutinji fl-artikolu erbgha (4) tal-istess Kapitolu erba' mija u erbatax (414) il-Kontrollur tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-*container* IRSU 2268139 kontenenti fost ohrajn fliexken dwar kura tax-xaghar gewwa kaxxi tal-kartun li lkoll ghandhom fuqhom *trademarks* "PANTENE PRO-V" u "Procter & Gamble" jew "PROCTER & GAMBLE", tubi ta' *toothpaste* gewwa pakketti tal-kartun li lkoll ghandhom fuqhom *trademarks* "Crest" u " Procter & Gamble", vazetti dwar kura u ndafa tal-wicc gewwa kaxxi tal-kartun, li lkoll ghandhom fuqhom *trademarks* "OLAY", wicc partikulari ta' mara u "Procter & Gamble", u "Procter & Gamble", kif ukoll prodotti ta' *anti perpirant gel* li lkoll ghandhom fuqhom it-*trademark* "Procter & Gamble" (fost ohrajn), liema oggetti kollha waslu fil-port hieles ta' Marsaxlokk (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (*transhipment*), in tranzitu ghar-rilaxx eventwali favur il-konvenuta. L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali;

8. Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba fl-erbatax (14) ta' Novembru elfejn u hdax (2011) u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti kif ukoll kampjuni tal-istess, ikkonfermat lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta' attrici kopja ta' dokument relattiv ghal dan il-kaz intitolat *BILL OF LADING* fejn, fil-kaxxa relattiva ghall-Consignee hemm indikat *AL KHAT AL AZRAQ SHIPPING,* ta' *BENGHAZI, LIBYA*.

Effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox elf disa' mija u ghoxrin (1920) prodott immarkat "PANTENE PRO-V" u "Procter & Gamble" (oltre ghall-kaxxi relattivi), erbat elef hames mija u sittin (4,560) prodott immarkat "CREST" u "Procter & Gamble", elf erba' mija u erbghin (1,440) prodott immarkat "OLAY" u "Procter & Gamble", u elf seba' mija tmienja u ghoxrin (1,728) prodott ta' *antiperspirant gel* immarkat "Procter & Gamble", jikkontravvjenu d-drittijiet dwar propjeta intellettwali tas-socjeta' attrici stante li oggetti falsifikati, u dan kollu f'cirkustanzi fejn fil-pajjiz minn fejn intbaghtu hemm *trademarks* rilevanti registrati "PANTENE PRO-V", "Crest", "OLAY" u "Procter & Gamble" dwar il-prodotti mertu ta' din il-vertenza;

9. Illi l-Kontrollur tad-Dwana ppreﬁgga terminu sal-erbatax (14) ta' Dicembru elfejn u hdax (2011) inkluz, sabiex is-socjeta' attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

10. Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

11. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur *nomine* umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi fliexken dwar kura tax-xaghar gewwa kaxxi tal-kartun , li lkoll ghandhom fuqhom *trademarks* "PANTENE PRO-V" u "Procter & Gamble" jew "PROCTER & GAMBLE", tubi ta' *toothpaste* gewwa pakketti tal-kartun, li lkoll ghandhom fuqhom *trademarks* "Crest" u "Procter & Gamble", vazetti dwar kura u ndafa tal-wicc gewwa kaxxi tal-kartun, li lkoll ghandhom fuqhom *trademarks* "OLAY", wicc partikulari ta' mara u "Procter & Gamble", kif ukoll prodotti ta' *anti perspirant gel* li lkoll ghandhom fuqhom it-*trademark* "Procter & Gamble" (fost ohrajn), liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-

Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* IRSU 2268139 kien jikkontjeni l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici stante li oggetti falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti ’l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta’ attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuta u ghas-spejjez taghha;

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. A sa Dok. Z;

Rat id-digriet tat-3 ta’ Frar 2012 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita` intimata;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tat-18 ta’ April 2012 fejn ecceppew:

Illi l-kuraturi ghamlu bosta tentattivi sabiex jikkuntatjaw lis-socjetajiet intimati, pero sal-lum dawn it-tentattivi ghad ma kellhomx ezitu posittiv u ghalhekk m’humiex edotti ghal fatti ta’ kaz;

Ghaldaqstant f'kaz li jirrnexielhom jaghmlu kuntatt jisservaw li, bl-awtorizazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jipprezentaw eccezzjonijiet f'stadju ulterjuri;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-31 ta' Mejju 2012 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Luigi Sansone ghas-socjeta` attrici li ddikjara li ma ghandhux provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett d'ostakolo ghat-18 ta' Mejju 2012;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta' attrici hija proprjetarja tal-markji "PANTENE PRO-V", "CREST", "OLAY" u "Procter & Gamble" u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta' trademarks fir-Registru tat-Trademarks Malta u dawk Komunitarji skond Dok. B sa S annessi mal-istess.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda b'affidavit ta' George Agius, Ufficjal tal-Kontrollur tad-Dawna (Dok. W fol. 147) li taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana ssospenda r-rilaxx tal-container numru IRSU 2268139 kontenenti fost ohrajn oggetti konsistenti f'elf disa' mija u ghoxrin (1,920) prodott immarkat "PANTENE PRO-V" u "Procter & Gamble" (oltre ghall-kaxxi relattivi), erbat elef hames mija u sittin (4,560) prodott immarkat "CREST" u "Procter & Gamble", elf erba' mija u erbghin (1,440) prodott immarkat "OLAY" u "Procter & Gamble", u waslu fil-port hieles ta' Malta (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (*transhipment*). L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta` attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta` intellettwali.

Illi l-istess kontejner kien wasal Malta fuq il-vapur HADIS fit-23 ta’ Ottubru 2011 u nfetah, u l-oggetti nzammu mill-Ufficjali tad-Dwana fil-25 ta’ Ottubru 2011 fuq suspett li kienu foloz, u fil-fatt minn ezamijiet li saru gie kkonfermat li tali oggetti kienu fil-fatt kontrafatti u li kienu destinati lis-socjeta’/entita’ intimata (Dok. Y fol. 184, cioe affidavit ta’ Shelley Suzanne Duggan fid-dipartiment legali tas-socjeta’ attrici).

Illi minn dan kollu jidher li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u dan permezz tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti u fil-fatt lanqas biss hemm ebda kontestazzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha bil-mod hawn indikat u tali oggetti ghandhom jigu distrutti a spejjez tal-istess entita’ konvenuta, liema spejjez huma wkoll indikati fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana datat 1 ta’ Dicembru 2011 (Dok. W fol. 149).

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati,

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi fliexken dwar kura tax-xaghar gewwa kaxxi tal-kartun , li lkoll ghandhom fuqhom *trademarks* “PANTENE PRO-V” u “Procter & Gamble” jew “PROCTER & GAMBLE”, tubi ta’ *toothpaste* gewwa pakketti tal-kartun, li lkoll ghandhom fuqhom *trademarks* “Crest” u “Procter & Gamble”, vazetti dwar kura u ndafa tal-wicc gewwa kaxxi tal-kartun, li lkoll ghandhom fuqhom *trademarks* “OLAY”, wicc partikulari ta’ mara u “Procter & Gamble”, kif ukoll prodotti ta’ *anti perspirant gel* li lkoll ghandhom fuqhom it-*trademark* “Procter & Gamble” (fost ohrajn), u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* IRSU 2268139 kien jikkontjeni l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici stante li oggetti falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-

sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta' din il-kawza, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuta u a spejjez taghha;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba billi ma hemmx bzonnha;

4. Tordna lis-socjeta/entita konvenuta ghandha tbati l-ispejjez l' ohra kollha, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni, kif elenkat fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Dok. W fl-atti tal-kawza;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta/entita konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------